BirdLife MALTA

# Stqarrija

## Barbaġann ieħor mill-proġett ta' rintroduzzjoni milqut minn tir ta' senter filwaqt li l-ispeċi għadha estinta lokalment

Is-Sibt 7 ta' Frar 2026, ġimgħa wara li għalaq l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa, BirdLife Malta ġabret Barbaġann mid-Dwejra, Malta, b'ċurkett bl-iskrizzjoni BORP 10.0 24 014, li jorbot dan l-għasfur mal-proġett ta' rintroduzzjoni tal-Barbaġann immexxi mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, FKNK. Il-Barbaġann instab dgħajjef ħafna u b'sieq miksura. Wara eżami veterinarju ġie ikkonfermat li kien milqut minn tir ta' senter. Dan huwa t-tieni Barbaġann minn l-istess proġett, li spiċċa milqut minn tir ta' senter, li nstab minn Novembru 2025 'l hawn.

Dejta mill-Breeding Bird Atlas, ippubblikat dan l-aħħar, tikkonferma li minkejja l-isforzi ta' rintroduzzjoni li bdew fl-2018, il-Barbaġann għadu estint lokalment, prinċipalment minħabba l-kaċċa illegali - l-istess problema li wasslet biex aktar minn 40 sena ilu, fis-snin tmenin, Il-Barbaġann kien ġie estint.

Sadattant, il-proġett tal-FKNK għadu kemm kiseb is-sitt rawnd ta' finanzjament taħt il-Fond għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, b'total ta' €80,000 li ngħataw tul is-snin lill-federazzjoni għal dan ix-xogħol.

Minkejja l-ambizzjoni li l-kaċċaturi jkunu involuti b'mod attiv fil-konservazzjoni, l-azzjonijiet marbuta ma' dawn il-proġetti ma wasslux għal tnaqqis sinifikanti fil-kaċċa illegali, u baqgħu fil-biċċa l-kbira eżerċizzji ta' relazzjonijiet pubbliċi, akkumpanjati minn silenzju kontinwu tal-federazzjoni milli tikkundanna dan l-aġir illegali.

"Filwaqt li l-FKNK tistinka biex tħalli wirt lill-komunità Maltija, l-uniku wirt tal-kaċċa f'Malta sallum kien l-estinzjoni lokali ta' diversi għasafar li darba kienu jbejtu bħaċ-Ċawla, l-iSpanjulett, il-Bies u l-Barbaġann," qal il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana. "Għalkemm l-Ispanjulett u l-Bies għadhom jippruvaw ibejtu kull sena, meta jirnexxu ż-żgħar tagħhom spiss jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali matul l-istaġun tal-kaċċa għall-fenek."

Minbarra li qed iżżomm speċi bħall-Barbaġann, il-Bies u l-iSpanjulett milli jbejtu, il-kaċċa illegali qed iċċaħħad lill-pubbliku mill-opportunità li jesperjenza u japprezza dawn l-ispeċi protetti fis-selvaġġ. Konservazzjoni effettiva teħtieġ infurzar b'saħħtu, responsabbiltà u impenn ġenwini biex jitħares il-wirt naturali ta' Malta - aspetti li bħalissa huma neqsin fost l-atturi ewlenin involuti f'dawn il-proġetti.

Wara l-kura veterinarja, il-Barbaġann ingħata lura lill-FKNK.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**
18 ta' Novembru 2025: https://fb.watch/Fd-6crDeDJ/
18 ta' Diċembru 2023: https://fb.watch/Fd-2Rw7D7E/

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. 2026.02.07 Shot FKNK Barn-owl
2. 2026.02.07 Shot Barn-owl recovered with a broken leg, identified by an FKNK project ring.

**Filmati:**
1. Ippubblikat illum fuq il-paġni tal-media soċjali ta' BirdLife Malta: YouTube, Facebook, Instagram u TikTok.